**ĊERTIFIKAT FIL-QARI TAL-PROVI BIL-MALTI**

Jekk tixtieq tirċievi fuljett b'dettalji oħra,
iktbilna provi-malti.arts@um.edu.mt
u nibagħtuhulek bil-posta f'nofs Diċembru 2009.

# Programm ta' Studju

## Frar – Ġunju

*Taqsimiet-Studju Obbligatorji*

| | |
|---|---|
| MAL 1030 | Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 1 |
| MAL 1032 | Elementi tal-Fonoloġija tal-Malti |
| MAL 1040 | Elementi tal-Morfoloġija tal-Malti |
| MAL 1049 | Proġett Prattiku fil-Qari tal-Provi |

## Ottubru – Jannar

*Taqsimiet-Studju Obbligatorji*

| | |
|---|---|
| MAL 1031 | Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 2 |
| MAL 1046 | Elementi Sintattiċi u l-Punteġġjatura |
| MAL 1047 | Aspetti Tekniċi fil-Preżentazzjoni tal-Ktieb |
| MAL 1048 | L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi |

# Katalgu tal-Kors

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1030** |
| **Titlu** | **IR-REGOLI TAL-KITBA MALTIJA FIL-PRATTIKA 1**<br>▪ Il-Kitba t-Tajba tal-Malti<br>▪ Il-Prinċipji tal-Ortografija Maltija |
| **Metodu** | Lezzjonijiet |
| **Kretti ECTS** | 4 |
| **Assessjar** | Test miktub (sagħtejn) [80%] u xogħol matul il-kors [20%] |
| **Lettur** | Varji |
| **Deskrizzjoni** | **Il-Kitba t-Tajba tal-Malti**<br>L-għan ewlieni tal-kors huwa li jqiegħed fl-istudenti bażi soda tar-regoli ortografiċi uffiċjali ta' lsienna. Il-kors jgħinhom jitkissru fir-regoli tal-kitba u b'hekk jiksbu l-parametri li bihom ikunu jistgħu mhux biss jiktbu b'Malti tajjeb imma wkoll jikkoreġu mingħajr eżitazzjoni l-iżbalji ortografiċi fil-kuntesti kollha li jiltaqgħu magħhom.<br>Il-kors jiffoka fuq it-tifsir u l-applikazzjoni tar-regoli ewlenin tal-ortografija kif jinsabu miġburin fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924), fiż-*Żieda mat-Tagħrif fuq il-*Kitba *Maltija* (1984), fl-*Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1992) u fid-*Deċiżjonijiet 1* (2008). Tiżdied ma' dawn kull bidla uffiċjali li tkun saret fihom mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.<br>**Il-Prinċipji tal-Ortografija Maltija**<br>Is-sistema ortografika tal-Malti hija kompromess bejn għadd ta' prinċipji li jinbnew fuq xulxin skont ġerarkija stabbilita. Waqt li żżomm kemm jista' jkun qrib lejn il-ħoss imlissen, tipprova ma tinjorax ir-realtà fonoloġika u l-istrutturi morfoloġiċi tal-lingwa. Din il-parti tal-kors tlaqqa' l-istudenti mal-prinċipji ewlenin li fuqhom tinbena s-sistema ortografika tal-Malti u tiddiskuti l-ġerarkija li fiha jiġu applikati. L-osservazzjoni ta' dan il-bilanċ tgħin lill-istudenti jieħdu deċiżjonijiet konxji, maturi u mirfuda mit-tradizzjoni meta jiġu biex jagħżlu bejn kitba u oħra. |
| **Biblijografija** | Akkademja tal-Malti. (2004) *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija 2.* Malta: KKM.<br>Azzopardi, C. (2003) *Gwida għall-Ortografija*. Malta: KKM.<br>Azzopardi, C. (2006) *Gwida għall-Ortografija: it-taħriġiet*. Malta: KKM.<br>Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. (2008) *Deċiżjonijiet 1.* Malta: Kunsill tal-Malti.<br>Mifsud, M. (1999) "Ir-Regoli tal-Kitba tal-Malti", *Il-Malti* LXXIII. |

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1031** |
| **Titlu** | **IR-REGOLI TAL-KITBA MALTIJA FIL-PRATTIKA 2** |
| **Metodu** | Lezzjonijiet |
| **Kretti ECTS** | 6 |
| **Assessjar** | Test miktub (sagħtejn u nofs) [70%] u xogħol matul il-kors [30%] |
| **Lettur** | Varji |
| **Deskrizzjoni** | Dan il-kors jibni fuq dak li jkun inkiseb fit-taqsima-studju ta' qablu, jiġifieri MAL1030. Matulu l-istudenti jkomplu jitħarrġu fl-applikazzjoni tar-regoli tal-ortografija uffiċjali, imma hawnhekk il-punt tat-tluq ikun iktar mit-test innifsu u ssir referenza għar-regoli hi u ssir il-korrezzjoni tiegħu. Matul il-kors tintalab rigorożità dejjem ikbar fil-kwalità u fir-ritmu tax-xogħol, biex ikun żgurat livell għoli ta' ħila u professjonalità fl-applikazzjoni pronta tar-regoli u l-ikbar eżattezza u konsistenza possibbli fil-korrezzjoni.<br><br>Lejn tmiem il-kors l-istudenti jiffaċċjaw għadd ta' problemi attwali fil-kitba tal-Malti u jiġu megħjuna jiddiskutuhom u jsolvuhom b'raġunar lingwistiku sod. Fost dawn il-problemi hemm xi inkongruwenzi tas-sistema attwali, l-għadd kbir ta' varjanti tal-kitba u l-integrazzjoni ortografika tal-kliem ta' nisel barrani. |
| **Biblijografija** | Akkademja tal-Malti. (2004) *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija 2.* Malta: KKM.<br>Aquilina, J. (1977) "Fehmiet dwar l-Ortografija tal-Malti", *Il-Malti* Ġun-Diċ 1977, pp. 3-16.<br>Azzopardi, C. (1997) *L-Ortografija Uffiċjali tal-Malti: Analiżi lingwistika kritika b'suġġerimenti għal titjib.* Teżi tal-M.A., L-Università ta' Malta.<br>Azzopardi, C. (2000) "L-Ortografija", *Il-Malti* LXXIV. Malta: KKM, pp. 71-89.<br>Azzopardi, C. (2003) *Gwida għall-Ortografija*. Malta: KKM.<br>Azzopardi, C. (2006) *Gwida għall-Ortografija: it-taħriġiet*. Malta: KKM.<br>Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. (2007) *Innaqqsu l-Inċertezzi 1: Il-Varjanti Ortografiċi.* Malta: Kunsill tal-Malti.<br>Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. (2008) *Innaqqsu l-Inċertezzi 2: Il-Kliem ta' Nisel Ingliż fil-Malti.* Malta: Kunsill tal-Malti.<br>Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. (2008) *Deċiżjonijiet 1.* Malta: Kunsill tal-Malti.<br>Milroy, J. & Milroy, L. (1991) *Authority in Language.* London & New York: Routledge.<br>Sebba, M. (2007) *Spelling and Society*. Cambridge: CUP.<br>Serracino Inglott, E. (1977) "Fehmti dwar xi problemi fl-ortografija", *Il-Malti* Ġun-Diċ 1977, pp. 17-41. |

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1032** |

| | |
|---|---|
| **Titlu** | **ELEMENTI TAL-FONOLOĠIJA TAL-MALTI**<br>▪ Il-Fonoloġija tal-Malti Standard<br>▪ Riflessi Storiċi fil-Fonoloġija tal-Malti |
| **Metodu** | Lezzjonijiet |
| **Kretti ECTS** | 4 |
| **Assessjar** | Test miktub (sagħtejn) |
| **Lettur** | Il-Prof. Manwel Mifsud u s-Sur Olvin Vella |
| **Deskrizzjoni** | **Il-Fonoloġija tal-Malti Standard** (M. Mifsud)<br>Dan il-kors jagħti lill-istudenti l-bażi teoretika meħtieġa għall-analiżi tal-alfabett u tas-sistema ortografika. Fih issir id-deskrizzjoni sinkronika tal-fonoloġija tal-Malti Standard li tgħin l-istudenti jirrealizzaw il-qrubija u d-distanza vera li hemm bejn il-kelma Maltija u r-rappreżentazzjoni ortografika tagħha.<br>**Riflessi Storiċi fil-Fonoloġija tal-Malti** (O. Vella)<br>F'din il-parti tal-kors isiru osservazzjonijiet dijakroniċi li jkunu meħtieġa biex idawlu s-sitwazzjoni attwali. Jiġu diskussi l-problemi li joħorġu mill-fatt li l-Malti, ilsien ta' nisel Għarbi, beda jinkiteb b'alfabett Latin, u s-soluzzjonijiet li tressqu għal dawn il-problemi. L-istudenti jiġu esposti għal firxa ta' sistemi bikrin tal-kitba bil-Malti li wasslu għas-sistema ortografika tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924. Isiru wkoll referenzi għall-fonoloġija tad-djaletti Maltin kull fejn din tvarja mill-fonoloġija tal-Malti Standard. |
| **Biblijografija** | Il-Fonoloġija tal-Malti Standard<br>Aquilina, J. (1959) *The Structure of Maltese*. Malta: The Royal University of Malta, 1-17.<br>Aquilina, J. (1961) *Papers in Maltese Linguistics*. Malta: The Royal University of Malta, 1 (1-14), 3 (42-62), 7 (117-165).<br>Borg, Alexander. (1973) "The Segmental Phonemes of Maltese", *Linguistics*, 109: 5-11.<br>Borg, Alexander. (1997) "Maltese Phonology", *Phonologies of Asia and Africa*. USA: Eisenbrauns, 245-285.<br>Fenech D. (1998) *Lingwistika Ġenerali*, Malta: Aquilina, pp. 60-79.<br>Riflessi Storiċi fil-Fonoloġija tal-Malti<br>Akkademja tal-Malti. 2004. *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II*, Malta: KKM.<br>Aquilina, J. 1961, "Systems of Maltese Orthography", *Papers in Maltese Linguistics.* Malta: The Royal University of Malta, V (75-101).<br>Brincat, J.M. (2000) *Il-Malti: Elf Sena ta' Storja*. Malta: PIN, pp. 39-74, 97-122.<br>Sjoberg, A.F. 1966, "Socio-Cultural and Linguistic Factors in the Development of Writing Systems for Preliterate Peoples", *Sociolinguistics: proceedings of the UCLA Sociolinguistics Conference*, *1964*, The Hague: Mouton. |

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1040** |
| **Titlu** | **ELEMENTI TAL-MORFOLOĠIJA TAL-MALTI** |
| **Metodu** | Lezzjonijiet |

| | |
|---|---|
| **Kretti ECTS** | 4 |
| **Assessjar** | Test miktub (sagħtejn) |
| **Lettur** | Il-Prof. Manwel Mifsud |
| **Deskrizzjoni** | Is-sistema ortografika tal-Malti tistrieħ l-aktar fuq il-morfoloġija komplessa tiegħu, l-aktar fil-parti Għarbija. Dan il-kors hu maħsub biex isaħħaħ fl-istudent il-qafas tal-morfoloġija Maltija u jagħmlu iktar konxju mill-mudelli strutturali li jgħinuh jasal għall-kitba korretta. Għalkemm fil-qofol tiegħu jikkonsisti f'deskrizzjoni sinkronika tal-morfoloġija, matulha jsiru wkoll osservazzjonijiet dijakroniċi kull fejn dawn jistgħu jgħinu biex idawlu s-sitwazzjoni attwali. |
| **Biblijografija** | Aquilina, J. (1959) *The Structure of Maltese*. Malta: The Royal University of Malta.<br>Borg, Albert. (1988) *Ilsienna: Studju Grammatikali*. Malta.<br>Borg, Alexander. (1978) *A Historical and Comparative Phonology and Morphology of Maltese*. Teżi tal-Ph.D., The Hebrew University.<br>Cremona, A. (1938) *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija 2*. Malta: Lux Press.<br>Mifsud, M. (1995) "The Productivity of Arabic in Maltese", *Proceedings of the 2nd International Conference of AIDA*. Cambridge.<br>Mifsud, M. (1995) *Loan Verbs in Maltese*. Leiden: E.J. Brill.<br>Mifsud, M. (1996) "The Collective in Maltese", *Rivista di Linguistica*, 8.1: 29-51.<br>Sutcliffe, E. (1936) *A Grammar of the Maltese Language*. Malta: Progress Press. |

| **Kodiċi** | **MAL1046** |
|---|---|
| **Titlu** | **ELEMENTI SINTATTIĊI U L-PUNTEĠĠJATURA** |
| **Metodu** | Lezzjonijiet |
| **Kretti ECTS** | 2 |
| **Assessjar** | Test miktub (siegħa) |
| **Lettur** | Il-Prof. Albert Borg u Dr Ray Fabri |
| **Deskrizzjoni** | Dan il-kors jgħin lill-qarrej tal-provi jifhem aħjar l-użu tas-simboli differenti għall-punteġġjatura tat-testi. Il-kors jesplora u jispjega r-relazzjoni bejn l-użu ta' dawn is-simboli u l-istruttura sintattika tas-sentenza u l-frażi fil-Malti, u jikkuntrastahom ma' fatturi oħra li għandhom effett fuq il-punteġġjatura, bħalma huma l-istilistika u s-semantika. Is-sistema tal-Malti titqabbel ma' dik ta' lingwi oħra, partikolarment ma' tal-Ingliż, li ħafna drabi tintuża bħala mudell għall-użu. |
| **Biblijografija** | Azzopardi, C. (2003) *Gwida għall-Ortografija*. Malta: KKM, Kap. 15. |

| | |
|---|---|
| | Cassar, M. (2000) *Ir-Reqqa tal-Kitba*. Malta: Merlin Library.<br>Rosen, L.J. & Behrens, L. (2003) *The Allyn & Bacon Handbook*. Boston: Allyn & Bacon. Kap. 24-34.<br>Truss, L. (2003) *Eats, Shoots & Leaves: The Zero Tolerance Approach to Punctuation*. Auckland: Profile Books. |

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1047** |
| **Titlu** | **ASPETTI TEKNIĊI FIL-PREŻENTAZZJONI TAL-KTIEB** |
| **Metodu** | Lezzjonijiet |
| **Kretti ECTS** | 2 |
| **Assessjar** | Test miktub (siegħa) [70%] u test orali [30%] |
| **Lettur** | Is-Sur Hilary Caruana u Dr Chris Gruppetta |
| **Deskrizzjoni** | F'Malta l-qarrej tal-provi spiss jintalab biex, wara li jkun ikkoreġa l-provi, iwassal il-ktieb sal-pubblikazzjoni tiegħu. Dan il-kors huwa maħsub biex jintroduċi l-istudenti għal dawk il-prinċipji u d-dettalji kollha li permezz tagħhom ikunu jistgħu jaslu għal ktieb li jkun jirrispetta l-konvenzjoni tal-pubblikazzjoni, kemm fl-elementi estetiċi kif ukoll fl-elementi tekniċi, bħalma huma s-sinjali tal-korrezzjoni tal-provi, it-tqassim fiżiku tal-ktieb u l-preżentazzjoni grafika. |
| **Biblijografija** | Anderson, L.K. (1990) *Handbook for Proofreading.* Chicago: NTC Business Books.<br>Livingston, A. & Livingston, I. (1992) *Dictionary of Graphic Design and Designers*. Londra: Thames & Hudson.<br>Kosslyn S.M. (1994) *Elements of Graphic Design*. USA: W.H. Freeman. |

| | |
|---|---|
| **Kodiċi** | **MAL1048** |
| **Titlu** | **L-GĦODOD ELETTRONIĊI GĦALL-QARI TAL-PROVI** |
| **Metodu** | Lezzjonijiet |
| **Kretti ECTS** | 2 |
| **Assessjar** | Test fil-laboratorju tal-kompjuters (siegħa u nofs) |
| **Lettur** | Is-Sur Norman C. Borg |
| **Deskrizzjoni** | Illum il-ġurnata l-qarrej tal-provi x'aktarx jirċievi t-test oriġinali f'format elettroniku u jintalab jikkoreġih bl-istess mezz. Illum jeżistu bosta mezzi (l-aktar programmi ta' *software*) biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, imma l-esperjenza turi li mhux kollha huma magħrufa bl-istess mod mill-qarrejja tal-provi. F'dan il-kors jiġi spjegat kif jaħdmu dawn il-mezzi u l-vantaġġi tagħhom. Tiġi diskussa wkoll il-problema tal-karattri Maltin u l-inkompatibilità tas-sistemi eżistenti |

| | |
|---|---|
| | bejniethom. Permezz ta' għadd ta' sigħat fil-laboratorju tal-kompjuter, l-istudenti jiġu mħarrġa fil-qari tal-provi permezz tal-elettronika minn espert fit-teknoloġija tal-informazzjoni. |
| **Biblijografija** | Rosen, L.J. & Behrens, L. (2003) *The Allyn & Bacon Handbook*. Boston: Allyn & Bacon. |

| **Kodiċi** | **MAL1049** |
|---|---|
| **Titlu** | **PROĠETT PRATTIKU FIL-QARI TAL-PROVI** |
| **Metodu** | Proġett miktub |
| **Kretti ECTS** | 6 |
| **Assessjar** | (Ma japplikax) |
| **Lettur** | (Ma japplikax) |
| **Deskrizzjoni** | Dan huwa proġett li permezz tiegħu jkun jista' jitkejjel ir-rendiment tal-istudenti fil-prattika. L-istudenti tingħatalhom biċċa xogħol ta' qari tal-provi ta' tul konsiderevoli u biha jridu juru: (1) kemm huma kompetenti fit-tiswija tat-test u t-tħejjija tiegħu għall-pubblikazzjoni, (2) li l-għażliet korrettivi tagħhom mhumiex arbitrarji imma msejsa fuq teorija u argumentazzjoni lingwistika ċara u korretta. Għalhekk, barra mill-korrezzjoni tal-provi, l-istudenti jridu jipproduċu notamenti li jissostanzjaw u jirfdu kull korrezzjoni li jkunu għamlu. |
| **Biblijografija** | (Ma japplikax) |